MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru 639/2001

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Anthony sive Antoine Scerri,
iben Carmelo, imwieled Attard
fit-22 ta' lulju, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, matul dawn l-aħħar tnax il-xahar, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-segwenti karozzi: (a) Rover 214, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAR 258; (b) Hyundai Scoupe, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAP 034; (ċ) Mazda 323F, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAF 251; (d) Subaru Legacy, bin-numru tar-reġistrazjoni EAP 635; (e) Daihatsu Charade, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAS 814; li l-valur tagħhom jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), liema karozzi

kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u dan għad-dannu ta' Antoine Vassallo mir-Rabat (Malta);
2. talli l-imsemmija karozzi kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċessarju.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat u Antione Vassallo bdew negozju biex minn showroom Ħal-Qormi l-imputat ibiegħ il-karozzi li kien ifornielu Antoine Vassallo. L-imputat kellu jsewwi dawn il-karozzi u l-ispejjeż jinqasmu bejniethom.

Illi skond Antoine Vassallo ma kien hemm ebda ftehim bejniethom bil-miktub u lanqas ma kien hemm ftehim meta l-imputat jirritorna l-karozzi lil Antoine Vassallo jekk ma jbiegħhomx. Minbarra dan, Antoine Vassallo xehed li l-imputat neħħa l-karozzi mis-showroom u qegħdhom f'garage.

Illi mix-xhieda ta' l-imputat jirrizulta li vera kien hemm negozju bejniethom iżda kull tlett xhur kellhom isiru l-kontijiet ta' bejniethom biex jaraw kif marru. Jirrizulta wkoll li l-imputat kien jibgħat il-kljenti għand Antoine Vassallo biex isir il-kkuntratt u il-flus kien jiġborhom Antoine Vassallo għajr għal xi depozitu li kien jibqa ma l-imputat. Xehed ukoll li Antoine Vassallo kien jindika l-prezz tal-karozza u dak li kien iżid miegħu l-imputat kien il-qliegħ tiegħu.

Illi jirrizulta li fil-fatt l-imputat żamm għandu l-karozzi ndikati iżda hu għamel hekk għaliex Antoine Vassallo qatt ma għamel xi konteġġi.  Anżi, l-imputat qabbad accountant li xehed li l-imputat għandu jieħu madwar sittax il-elf lira maltin (Lm16,000) mingħand Antoine Vassallo.  Dan sar għaliex l-imputat kien ser jagħti bidu għal proċeduri fil-Qorti biex jirkupra dawn il-flus.

Illi l-imputat ġab xhieda oħra li xehdu li Antoine Vassallo kien imexxi negozji oħra.  Jirrizulta wkoll li dawn l-ex-sħab ta' Vassallo fetħu kawżi kontra tiegħu.

Illi jekk inwarrbu l-fatt li Antoine Vassallo għandu problemi ma nies oħra fuq l-istess generu ta' negozju jidher ċar li l-imputat ma għamel xejn li jindika li kiser xi liġi bl-aġir tiegħu.  Il-problema tal-fatti kif preżentati zgur mhumiiex ta' indoli penali iżda huma problemi ta' natura ċivili fejn relazzjoni kummerċjali marret ħażin.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------